Nru. 17,602
Prezz Lm1.28c
Price Lm1.28c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 11 ta' Ġunju, 2004
Friday, 11th June, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 587

MINISTERU GĦALL-FAMILJA U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

Ħatra ta' Direttur (Servizzi Korporattivi)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Joseph Camilleri, D.P.A., bħala Direttur (Servizzi Korporattivi) fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali b'seħħ mid-29 ta' April, 2004.

Il-11 ta' Ġunju, 2004

Nru. 588

ATT DWAR IL-KOMPETIZZJONI (KAP. 379)

Kummisssjoni għall-Kummerċ Ġust

NGĦARRFU b'din illi, skond l-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Kompetizzjoni (Kap. 379) il- Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust hi komposta kif ġej:-

Chairman
Dott. Silvio Meli LL.D., Dip Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.: Cert. Jur. & H.R.(Strasbourg); P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London); P.G. Dip. European Law (King's College, London).

Membri
Il-Professur Lino P. Brigulio Ph.D (Econ) Exeter
Is-Sur Carmel Farrugia M.Sc.(Econ) London, B.Sc., F.C.M.A., C.P.A.A.

Il-ħatra tal-membri hi għal tliet snin b'seħħ mit-2 ta' Frar 2004.

Id-9 ta' Ġunju 2004

GOVERNMENT NOTICES

No. 587

MINISTRY FOR THE FAMILY AND SOCIAL SOLIDARITY

Appointment of Director (Corporate Services)

IN exercise of the powers vested in him by section 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Mr Joseph Camilleri, D.P.A., as Director (Corporate Services) in the Ministry for the Family and Social Solidarity with effect form 29th April, 2004.

11th June, 2004

No. 588

COMPETITION ACT (CAP. 379)

Commission for Fair Trading

IT is hereby notified that in terms of article 4 of the Competition Act (Cap.379), the Commission for Fair Trading is composed as follows:-

Chairman
Dr Silvio Meli LL.D., Dip Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.: Cert. Jur. & H.R.(Strasbourg); P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London); P.G. Dip. European Law (King's College, London).

Members
Professor Lino P. Brigulio Ph.D (Econ) Exeter
Mr Carmel Farrugia M.Sc.(Econ) London, B.Sc., F.C.M.A., C.P.A.A.

The appointment of the members is for three years with effect from the 2nd February 2004.

9th June 2004

Nru. 589

KUMITAT DWAR IS-SIGURTÀ FL-AVJAZZJONI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Viċi Prim Ministru u l-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern approva lis-Sur Godfrey Scicluna bħala Membru fuq il-Kumitat dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni b'seħħ mit-28 ta' Mejju 2004 sal-31 ta' Diċembru 2004.

Il-11 ta' Ġunju, 2004

No. 589

AVIATION SECURITY COMMITTEE

IT is notified for general information that the Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs has appointed Mr Godfrey Scicluna as Member on the Aviation Security Committee with effect from 28th May 2004 up till 31st December 2004.

11th June, 2004

Nru. 590

ATT DWAR IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTIĠJANANT (KAP. 421)

Nomina ta' Membri dwar il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat

NGĦARRFU b'din illi, skond l-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat (Kap. 421), il-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni għoġbu japprova lill-Kunsill Malti għall-Artiġjanat jkun kompost kif jidher:-

Chairman
Is-Sur Godwin Warr

Viċi Chairman
Is-Sur Joseph Mifsud

Membri
Is-Sur Joseph Attard
Is-Sur Donald Friggieri
Is-Sur Robert Laurenti
Is-Sinjura Pauline Dingli
Is-Sur Charles Busuttil
Is-Sur Mark Saliba
Is-Sur Louis Galea
Is-Sur Francis Galea
Is-Sur Paul Haber

Segretarju
Is-Sur Carmel Vassallo

Id-9 ta' Ġunju, 2004

No. 590

MALTA CRAFTS COUNCIL ACT (CAP. 421)

Appointment of Members of the Malta Crafts Council

IT is hereby notified that in terms of section 4 of the Malta Crafts Council (Cap. 421), the Minister for Competitiveness and Communications has approved that the Malta Crafts Council be composed as follows:-

Chairman
Mr Godwin Warr

Deputy Chairman
Mr Joseph Mifsud

Members
Mr Joseph Attard
Mr Donald Friggieri
Mr Robert Laurenti
Mrs Pauline Dingli
Mr Charles Busuttil
Mr Mark Saliba
Mr Louis Galea
Mr Francis Galea
Mr Paul Haber

Secretary
Mr Carmel Vassallo

9th June, 2004

Nru. 591

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR REĠISTRU TA' L-ARTIJIET

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 591

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR LAND REGISTRY

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and Home Affairs has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Dr Audrey Vassallo	Aġent Direttur Reġistru ta' l-Artijiet u Aġent Reġistratur ta' l-Artijiet *Acting Director Land Registry and Acting Land Registrar*	Reġistratur ta' l-Artijiet *Land Registry*	23.6-16.7.2004

Il-11 ta' Ġunju, 2004

11th June, 2004

Nru. 592

SEGRETARJI TAL-KUNSILLI LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skond is-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 49 ta' l-Att ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), il- Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern approva illi l-persuna msemmija hawn taħt tkun nominata mill-ġdid Segretarju tal-Kunsill Lokali rispettiv:–

Lokalità tal-Kunsill Lokali	*Segretarju*
Xewkija	Reuben Cassar

Il-11 ta' Ġunju, 2004

No. 592

LOCAL COUNCILS SECRETARIES

IT is hereby notified for general information that, in terms of sub-section (1) of section 49 of the Local Councils Act 1993 (Act No. XV of 1993), the Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs has approved that the following person be re-appointed Secretary of the respective Local Council:–

Local Council (Locality)	*Secretary*
Xewkija	Reuben Cassar

11th June, 2004

Nru. 593

SEGRETARJI TAL-KUNSILLI LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skond is-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 49 ta' l-Att ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern approva illi l-persuna msemmija hawn taħt tkun nominata Segretarju tal-Kunsill Lokali rispettiv:–

Lokalità tal-Kunsill Lokali	*Segretarju*
Msida	Joanna Mifsud

Il-11 ta' Ġunju, 2004

No. 593

LOCAL COUNCILS SECRETARIES

IT is hereby notified for general information that, in terms of sub-section (1) of section 49 of the Local Councils Act 1993 (Act No. XV of 1993), the Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs has approved that the following person be appointed Secretary of the respective Local Council:–

Local Council (Locality)	*Secretary*
Msida	Joanna Mifsud

11th June, 2004

Nru. 594

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Bordijiet ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar il-persuni msemmija hawn taħt biex ikunu membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' skond l-Artikolu 40 ta' l-Att ta' l-1990 dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ biex jaraw il-kompetenza ta' persuni li xogħolhom ikollu x'jaqsam ma' livell ta' Snajja'.

Xogħol ta' l-Injam

Chairperson
Alfred Vella

Membri Tekniċi
Albert Cachia
Philip Galea

Rappreżentant ta' l-ETC
Joseph Galea

Vehicle Body Repair

Chairperson
Jonathan Diamantino Scifo

Membri Tekniċi
Mario Spiteri
Alfred Micallef

Rappreżentant ta' l-ETC
Colin Borg Ginger

Hairdressing

Chairperson
Kenneth Ellul

Membri Tekniċi
Guy Galea
Corrine Cassar

Rappreżentant ta' l-ETC
Joseph Galea

Restawr fil-Ġebel

Colin Borg Ginger se jkun minflok Joseph Galea bħala r-rappreżentant ta' l-ETC. Is-Sur Galea ġie assenjat dmirijiet f'Bordijiet ta' Eżamijiet fis-Snajja' oħra.

Il-11 ta' Ġunju, 2004

No. 594

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Boards

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating the persons listed hereunder to be appointed members of the Trade Testing Boards in terms of Article 40 of the Employment and Training Services Act 1990 to assess the competence of persons at Craftsman level, as indicated.

Woodwork

Chairperson
Alfred Vella

Technical Members
Albert Cachia
Philip Galea

ETC Representative
Joseph Galea

Vehicle Body Repair

Chairperson
Jonathan Diamantino Scifo

Technical Members
Mario Spiteri
Alfred Micallef

ETC Representative
Colin Borg Ginger

Hairdressing

Chairperson
Kenneth Ellul

Technical Members
Guy Galea
Corrine Cassar

ETC Representative
Joseph Galea

Stone Restoration

Colin Borg Ginger is to replace Joseph Galea as the ETC representative. Mr Galea has been assigned duties in other trade testing boards.

11th June, 2004

Nru. 595

ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR (KAP. 378)

Nomina ta' Membri dwar il-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur

NGĦARRFU b'din illi, skond l-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), il-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni għoġbu japprova li l-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur jkun kompost kif jidher:-

Chairperson
Ms Carmen Delia, B.A. (Hons.) Econ., M.A., Social Studies

Viċi Chairman
Is-Sur Marcel Pizzuto

Membri
Is-Sur Benny Borg Bonello
Is-Sur Anthony T Camilleri
Is-Sur Joseph Mallia
Dott. Paul Edgar Micallef
Is-Sur Adrian Muscat Inglott
Ms Barbara Buttigieg

Din il-ħatra hija għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mis-7 ta' Ġunju, 2004.

L-1 ta' Ġunju, 2004

No. 595

CONSUMER AFFAIRS ACT

(CAP. 378)

Appointment of Members of the Consumers Affairs Council

IT is hereby notified that in terms of article 4 of the Consumer Affairs Act (Cap. 378), the Minister for Competitiveness and Communications has approved that the Consumer Affairs Council be composed as follows:-

Chairperson
Ms Carmen Delia, B.A. (Hons.) Econ., M.A., Social Studies

Deputy Chairman
Mr Marcel Pizzuto

Members
Mr Benny Borg Bonello
Mr Anthony T Camilleri
Mr Joseph Mallia
Dr Paul Edgar Micallef
Mr Adrian Muscat Inglott
Ms Barbara Buttigieg

This appointment shall be for a period of three years with effect from the 7th June, 2004.

1st June, 2004

Nru. 596

ATT TA' L-1966 DWAR L-IMMUNITAJIET U L-PRIVILEĠĠI DIPLOMATIĊI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 ta' l-Att ta' l-1966 dwar l-Immunitajiet u Privileġġi Diplomatiċi, il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u l-Promozzjoni ta' l-Investimenti ordna illi matul il-kariga tagħhom mar-*Regional Marine Pollution Emergency Response Centre for the Mediterranean Sea* (REMPEC), l-Uffiċjali li ġejjin għandhom igawdu l-immunitajiet u l-privileġġi msemmija fit-Tieni Skeda Taqsima III ta' l-Att ta' l-1966 dwar l-Immunitajiet u l-Privileġġi Diplomatiċi, b'seħħ mid-data tal-ftehim rispettiv mar-REMPEC - IMO.

Senior Programme Officer	Mr Darko Domovic
Programme Officer	Mr Elias Sampatakakis
Programme Officer	Mr Jonathan Pace
Technical Expert	Ms Lilia Khodjet El Khil
Volontaire Civile Internationale	Mr Francois Leotoing
Administrator	Mr Christopher Sacco

No. 596

DIPLOMATIC IMMUNITIES AND PRIVILEGES ACT, 1966

IN exercise of the powers conferred by Section 5 of the Diplomatic Immunities and Privileges Act, 1966, the Minister of Foreign Affairs and Investment Promotion has ordered that during their terms of office with the Regional Marine Pollution Emergency Response Centre for the Mediterranean Sea (REMPEC), the following officials shall enjoy the immunities and privileges specified in the Second Schedule Part III of the Diplomatic Immunities and Privileges Act, 1966, with effect from the date of the respective agreements with REMPEC - IMO.

Senior Programme Officer	Mr Darko Domovic
Programme Officer	Mr Elias Sampatakakis
Programme Officer	Mr Jonathan Pace
Technical Expert	Ms Lilia Khodjet El Khil
Volontaire Civile Internationale	Mr Francois Leotoing
Administrator	Mr Christopher Sacco

Documentalist	Ms Doreen Stellini	Documentalist	Ms Doreen Stellini
Assistant to the Director	Ms Michaela Tabone	Assistant to the Director	Ms Michaela Tabone
Clerk/Secretary	Ms Amanda Bonavia	Clerk/Secretary	Ms Amanda Bonavia
Clerk/Secretary	Ms Francesca Borg	Clerk/Secretary	Ms Francesca Borg
Clerk/Secretary	Ms Brigid Galea	Clerk/Secretary	Ms Brigid Galea
Bilingual Secretary	Ms Ruth Mizzi	Bilingual Secretary	Ms Ruth Mizzi
Assistant to the Administrator	Mr Andre Sammut	Assistant to the Administrator	Mr Andre Sammut
Technical Assistant	Mr Anthony Zerafa	Technical Assistant	Mr Anthony Zerafa

Il-31 ta' Mejju, 2004

31st May, 2004

Nru. 597

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-lista ta' nies barranin li għandhom il-liċenzi ta' impieg skond l-artikolu 11 (3) ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217), ġiet ippublikata fuq il-*website* tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni www.doi.gov.mt nhar il-Ħamis, l-10 ta' Ġunju, 2004, u tista' tinkiseb fuq *floppy disc* jew *printout* mill-istess Dipartiment bil-prezz ta' Lm1.50ċ u 2ċ kull paġna rispettivament.

Il-11 ta' Ġunju, 2004

No. 597

IMMIGRATION ACT
(CAP. 217)

IT IS notified for general information that the list of expatriates holding employment licences according to section 11 (3) of the Immigration Act (Cap. 217) has been published on the website of the Department of Information www.doi.gov.mt on Thursday, 10th June, 2004, and is obtainable on floppy disc or printout from the same Department for the price of Lm1.50c and 2c each page respectively.

11th June, 2004

Nru. 598

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAPITOLU 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

No. 598

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CHAPTER 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
04. 06. 04	Lm4.40c8	7c6
08. 06. 04	Lm4.39c6	7c6
09. 06. 04	Lm4.42c9	7c6
10. 06. 04	Lm4.40c2	7c6

Il-11 ta' Ġunju, 2004

11th June, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 45

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Qormi

Nhar it-Tnejn, l-14 ta' Ġunju, 2004 sal-Ġimgħa, it-18 ta' Ġunju, 2004 iż-żewġ dati inklużi mis-6.00 p.m. sas-1.00 a.m. kuljum minn Misraħ San Franġisk.

Vetturi li jiksru dan l-avviż, jistgħu jiġu rmunkati.

Ix-Xewkija - Għawdex

Nhar l-Erbgħa, is-16 ta' Ġunju, 2004, mid-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġwann Battista, l-Indipendenza, Tal-Ħamrija, il-Knisja, Santa Katerina u l-Kbira.

Nhar il-Ħadd, l-20 ta' Ġunju, 2004, mid-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġwann Battista, il-Knisja, Santa Katerina, l-Għarus u Ħamsin.

Nhar it-Tnejn, il-21 ta' Ġunju, 2004, mid-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Santa Katarina, Tal-Ħamrija u Vjal il-Labour.

Nhar l-Erbgħa, it-23 ta' Ġunju, 2004, mis-7.00 p.m. sat-8.00 p.m. minn Triq l-Imġarr.

Nhar l-Erbgħa, it-23 ta' Ġunju, 2004, mid-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġwann Battista, il-Knisja u Santa Katerina.

Nhar il-Ħamis, l-24 ta' Ġunju, 2004, mid-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Bert, Pjazza San Ġwann Battista u San Żakkarija.

Nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Ġunju, 2004, mid-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġwann Battista, San Żakkarija, il-Kbira, Santa Katerina, Tal-Ħamrija, l-Indipendenza u Torri Tinghi.

Nhar is-Sibt, is-26 ta' Ġunju, 2004, mis-2.00 p.m. sas-6.00 p.m. minn Triq l-Imġarr.

Nhar is-Sibt, is-26 ta' Ġunju, 2004, mill-5.15 p.m. mit-toroq li ġejjin: Santa Katerina, il-Knisja u Pjazza San Ġwann Battista.

POLICE NOTICE

No. 45

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Qormi

On Monday, 14th June, 2004 to Friday, 18th June, 2004 both days inclusive from 6.00 p.m. to 1.00 a.m. daily through Misraħ San Franġisk.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Xewkija - Gozo

On Wednesday, 16th June, 2004 from 9.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Ġwann Battista, l-Indipendenza, Tal-Ħamrija, il-Knisja, Santa Katerina and il-Kbira.

On Sunday, 20th June, 2004 from 9.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Ġwann Battista, il-Knisja, Santa Katerina, l-Għarus and Ħamsin.

On Monday, 21st June, 2004 from 9.00 p.m. through the following streets: Santa Katarina, Tal-Ħamrija and Vjal il-Labour.

On Wednesday, 23rd June, 2004 from 7.00 p.m. to 8.00 p.m. through Triq l-Imġarr.

On Wednesday, 23rd June, 2004 from 9.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Ġwann Battista, il-Knisja and Santa Katerina.

On Thursday, 24th June, 2004 from 9.00 p.m. through the following streets: San Bert, Pjazza San Ġwann Battista and San Żakkarija.

On Friday, 25th June, 2004, from 9.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Ġwann Battista, San Żakkarija, il-Kbira, Santa Katerina, Tal-Ħamrija, l-Indipendenza and Torri Tinghi.

On Saturday, 26th June, 2004, from 2.00 p.m. to 6.00 p.m. through Triq l-Imġarr.

On Saturday, 26th June, 2004, from 5.15 p.m. through the following streets: Santa Katerina, il-Knisja and Pjazza San Ġwann Battista.

Nhar is-Sibt, is-26 ta' Ġunju, 2004, mid-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Tal-Ħamrija, Santa Katerina, il-Knisja, Pjazza San Ġwann Battista u l-Mitħna.

Nhar il-Ħadd, is-27 ta' Ġunju, 2004, mill-11.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Santa Katarina, il-Kbira, San Żakkarija, Pjazza San Ġwann Battista u l-Knisja.

Nhar il-Ħadd, is-27 ta' Ġunju, 2004, mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġwann Battista, San Żakkarija, il-Kbira, il-Ħelsien, Santa Katarina, Tal-Ħamrija u l-Indipendenza.

Is-Siġġiewi

Nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Ġunju, 2004 mit-3.00 p.m. sas-1.00 a.m. minn Misraħ San Nikola.

Vetturi li jiksru dan l-avviż, jistgħu jiġu rmunkati.

Ħal Kirkop

Nhar il-Ħadd, l-4 ta' Lulju, 2004 mill-10.30 a.m. sa nofsinhar mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Leonardu, Santu Rokku, il-Kbira sa quddiem il-Knisja.

Nhar l-Erbgħa, is-7 ta' Lulju, 2004, mit-8.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa, Santu Rokku, Salvu Sacco, San Pietru, Valletta, San Nikola, il-Lewżiet, in-Nejder, il-Kbira, Pjazza San Leonardu, San Benedittu u Pjazza Ħal Kirkop.

Nhar il-Ħamis, it-8 ta' Lulju, 2004, mit-8.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa, il-Kbira, Salvu Sacco, il-Barrieri, Danny Cremona, San Remiġju, Fieres, l-Imdina, San Ġużepp, San Benedittu u Pjazza Ħal Kirkop.

Nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Lulju, 2004, mid-9.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa, San Leonardu, San Benedittu, Santu Rokku, San Nikola, in-Nejder, il-Kbira, Pjazza San Leonardu u Pjazza Ħal Kirkop.

Nhar is-Sibt, l-10 ta' Lulju, 2004, mit-8.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa, il-Kbira, Santu Rokku, Pjazza Ħal Kirkop, in-Nejder, San Nikola, Valletta, San Pietru, San Ġużepp u San Benedittu.

Nhar il-Ħadd, il-11 ta' Lulju, 2004, mis-1.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Santu Rokku, San Benedittu, San Ġużepp, San Pietru, Valletta, San Nikola, in-Nejder, il-Kbira, San Leonardu, Pjazza Ħal Kirkop u l-Parroċċa.

Il-11 ta' Ġunju, 2004

On Saturday, 26th June, 2004, from 9.00 p.m. through the following streets: Tal-Ħamrija, Santa Katerina, il-Knisja, Pjazza San Ġwann Battista and il-Mitħna.

On Sunday, 27th June, 2004, from 11.00 a.m. through the following streets: Santa Katarina, il-Kbira, San Żakkarija, Pjazza San Ġwann Battista and il-Knisja.

On Sunday, 27th June, 2004, from 6.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Ġwann Battista, San Żakkarija, il-Kbira, il-Ħelsien, Santa Katarina, Tal-Ħamrija and l-Indipendenza.

Siġġiewi

On Friday, 18th June, 2004 from 3.00 p.m. to 1.00 a.m. through Misraħ San Nikola.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Kirkop

On Sunday, 4th July, 2004 from 10.30 a.m. to noon through the following streets: Pjazza San Leonardu, Santu Rokku, il-Kbira to infront of Church.

On Wednesday, 7th July, 2004 from 8.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: il-Parroċċa, Santu Rokku, Salvu Sacco, San Pietru, Valletta, San Nikola, il-Lewżiet, in-Nejder, il-Kbira, Pjazza San Leonardu, San Benedittu and Pjazza Ħal Kirkop.

On Thursday, 8th July, 2004, from 8.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: il-Parroċċa, il-Kbira, Salvu Sacco, il-Barrieri, Danny Cremona, San Remiġju, Fieres, l-Imdina, San Ġużepp, San Benedittu and Pjazza Ħal Kirkop.

On Friday, 9th July, 2004, from 9.00 p.m. to midnight through the following streets: il-Parroċċa, San Leonardu, San Benedittu, Santu Rokku, San Nikola, in-Nejder, il-Kbira, Pjazza San Leonardu and Pjazza Ħal Kirkop.

On Saturday, 10th July, 2004, from 8.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: il-Parroċċa, il-Kbira, Santu Rokku, Pjazza Ħal Kirkop, in-Nejder, San Nikola, Valletta, San Pietru, San Ġużepp and San Benedittu.

On Sunday, 11th July, 2004, from 1.00 p.m. to midnight through the following streets: Santu Rokku, San Benedittu, San Ġużepp, San Pietru, Valletta, San Nikola, in-Nejder, il-Kbira, San Leonardu, Pjazza Ħal Kirkop and il-Parroċċa.

11th June, 2004

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 29 ta' l-2004

Restricted Navigation between Filfla and Malta

L-Awtorità Maritima ta' Malta tgħarraf illi l-passaġġ bejn il-gżira ta' Filfla li tinsab fil-*co-ordinates:*

Latitude (T)	*Longitude* (L)
35° 47'.25	14° 24'.50

u Malta huwa ristrett għall-bastimenti mhux kummerċjali u bastimenti oħra ta' 50 metru tul jew anqas.

Il-pożizzjoni huma riferuti għall-WGS 84 DATUM.

Chart affettwata: BA194, 2538.

Il-11 ta' Ġunju, 2004

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 29 of 2004

Restricted Navigation between Filfla and Malta

The Malta Maritime Authority notifies that the passage between the islet of Filfla centered on:

Latitude (T)	*Longitude* (L)
35° 47'.25	14° 24'.50

and Malta is restricted to non-commercial vessels and other vessels 50 metres or less in length.

Positions referred to WGS 84 DATUM.

Chart affected: BA 194, 2538.

11th June, 2004

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 30 ta' l-2004

Emendi fl-Avviż lill-Baħħara Nru. 26 ta' l-2004 ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta.

Il-baħħara għandhom joqogħdu attenti li t-Taħriġ ta' Sparar b'*40mm Rocket Launcher,* li kien skedat għall-15 ta' Ġunju, 2004, issa se jsir nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Ġunju, 2004.

Il-11 ta' Ġunju, 2004

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 30 of 2004

Changes to Notice to Mariners No. 26 of 2004 of the Malta Maritime Authority

Mariners are to note that the 40mm Rocket Launcher Shoot Exercise, which was scheduled for 15th June 2004, is now being held on Friday, 25th June, 2004.

11th June, 2004

AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA

Toroq Magħluqa - Bini ta' Toroq Iffinanzjati mill-5 Protokoll Taljan

Bis-saħħa ta' l-Artikolu 52 (1) u (2) ta' l-Ordinanza dwar Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tgħarraf li x-xogħlijiet li qegħdin fl-1 Fażi għall-bini ta' toroq iffinanzjati mill-5 Protokoll Taljan, se jibdew fit-8 ta' Ġunju, 2004. Ix-xogħlijiet mistennija li jdumu 24-il ġimgħa.

Triq Buqana minn fejn tingħaqad mar-*roundabout* f'Tal-Qlejja, l-Imġarr, minn fejn tmiss ma' Triq tal-Madonna, Ta' Qali, se tkun magħluqa għat-traffiku.

It-traffiku jkun jista' jgħaddi minn Triq tal-Madonna, Ta' Qali.

MALTA TRANSPORT AUTHORITY

Road Closure: - Construction of Roads Financed under the 5th Italian Protocol

In virtue of Section 52 (1) and (2), of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Malta Transport Authority notifies that works on Phase 1 for the construction of roads financed under the 5th Italian Protocol, will commence on the 8th of June, 2004. Works are expected to last 24 weeks.

Triq Buqana from roundabout junction at Tal-Qlejja, Mġarr, to the junction with Triq tal-Madonna, Ta' Qali, will be completely closed to vehicular traffic.

Traffic will be diverted through Triq tal-Madonna, Ta' Qali.

Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, fid-direzzjoni minn Ħal Qormi għal Ħaż-Żebbuġ (mir-*roundabout* bejn Triq is-Siġġiewi u Triq l-Imdina ma' Triq Angelo Borg, Ħal Qormi), se jkunu magħluqa għat-traffiku sa nhar it-Tlieta, 31 ta' Awissu, 2004.

It-traffiku *two-way* se jiddawwar mill-karreġġata fid-direzzjoni minn Ħaż-Żebbuġ għal Ħal Qormi.

Is-sewwieqa għandhom joqogħdu attenti l-ħin kollu.

Il-11 ta' Ġunju, 2004

Triq l-Imdina, Żebbuġ, in the direction from Qormi towards Żebbuġ (from the roundabout junction between Triq is-Siġġiewi and Triq l-Imdina joining with Triq Angelo Borg, Qormi), will be closed to traffic up to Tuesday, 31st August 2004.

Two-way traffic will be deviated through the carriageway in the direction from Żebbuġ to Qormi.

Motorist are urged to exercise caution at all times.

11th June, 2004

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' Skrivani *Part-Time* fi Skejjel Statali

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni jgħarraf li jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand persuni interessati li jiġu impjegati bħala skrivani fuq bażi *part-time* biex iwettqu dmirijiet f'din l-iskola:

Skola Primarja Dom Mauro Inguanez l-Isla

2. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.81,8 għal kull siegħa maħduma. L-Iskrivani *Part-Time* ikunu intitolati għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' siegħat maħduma.

3. L-ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jintemm mill-Gvern jew mir-rappreżentant tiegħu jew inkella mill-istess Skrivan *Part-Time,* f'kull żmien, billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ma tingħata raġuni. L-ingaġġ ikun terminat xorta waħda għal matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-Sajf jew inkella matul parti minnhom.

4. Il-kandidati li jintgħażlu huma mistennija li jaħdmu bejn l-20 u l-25 siegħa fil-ġimgħa, normalment ħames siegħat kull ġurnata, fil-ħinijiet ta' l-iskola.

5. L-Iskrivani *Part-Time* huma intitolati għal-*leave* bil-ħlas u *leave* għall-mard skond kif hemm provdut fiċ-Ċirkulari MPO 50/96 u fl-Avviż Legali 61/96.

6. L-Iskrivani *Part-Time* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern.

7. Il-kandidati għandhom:

a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' stat membru ta' l-Unjoni Ewropea;

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

EDUCATION DIVISION

Engagement of Part-Time Clerks in State Schools

The Director General Education Division, invites applications for the engagement of Clerks on a Part-time basis to perform duties at the following school:

Dom Mauro Inguanez Primary School Senglea

2. Remuneration will be at a rate of Lm1.81,8 for every hour worked. Part-time Clerks will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

3. The engagement will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or his lawful representative, or by the Part-Time Clerk at any time, by giving a week's notice in writing without specifying any reason therefor. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the School Summer holidays.

4. Selected candidates will be expected to work between 20 and 25 hours a week, normally 5 hours a day, during school hours.

5. Part-time clerks will be entitled to paid vacation, sick or other type of paid leave as laid down in MPO 50/96 and Legal Notice 61/96.

6. Part-time Clerks will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Government employees.

7. Candidates must:

a) be citizens of Malta or a European Union Member State;

b) must have the ability to communicate in the Maltese Language;

ċ) (i) ikollhom ċertifikat tal-GCE/Matrikola/SEC/Matsec (1-5) li juru *passes* fil-Livell Ordinarju fil-Malti, Lingwa Ingliża u l-Matematika u f'żewġ suġġetti oħra jew kwalifiki komparabbli;

JEW

(ii) jipprovdu xhieda li turi li huma kellhom impjieg regolari mal-Gvern ta' Malta fi grad ta' mhux inqas minn Skrivan;

d) (i) ikollhom *passes* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL;

JEW

(ii) ikunu jafu tajjeb tal-*computer office applications*. L-applikanti jiġu ttestjati permezz ta' *test* prattiku biex jiġi żgurat li jkunu jafu kif meħtieġ f'dan il-qasam.

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jinthemeż ma' l-applikazzjoni);

f) ikollhom 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. (Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu dawk maħruġa minn Awtoritajiet Pubbliċi relevanti).

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza jeħtieġ li jkunu kkonfermati minn ċertifikati u/jew dikjarazzjonijiet. (Fotokopji għandhom jiġu mehmuża ma' l-applikazzjoni). L-oriġinali ta' kull dokument għandu jiġi sottomess għall-verifika fil-ħin ta' l-intervista.

9. L-applikanti li jiġu ttestjati u jinstabu li jafu tajjeb tal-*computer* jew jiġu kkonfermati li għandhom l-*passes* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL, indikati f'paragrafu 7 ċ(i) hawn fuq, ikunu intervistati minn Bord ta' Għażla biex jiġi stabbilit kemm huma adattati għall-post ta' Skrivan *Part-time*.

10. Il-riżultat u l-ordni tal-meritu finali ma jibqax validu wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali.

11. Il-post vakanti u kull vakanza oħra li tinħoloq fl-istess skola timtela skond l-ordni tal-meritu finali li tkun ġiet iffissata wara l-intervista u t-*test* li għalihom saret riferenza f'paragrafu numru 9 hawn fuq.

12. Il-kandidati magħżula jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għall-post.

c) (i) be in possession of GCE/Matriculation/SEC/Matsec (1-5) certificates showing passes at Ordinary Level in Maltese, English Language and Mathematics and at least two other subjects or comparable qualifications;

OR

(ii) produce evidence that they had held a regular employment with the Government of Malta not below the grade of Clerk;

d) (i) be in possession of passes in Modules 2,3,4 of the ECDL;

OR

(ii) have a good working knowledge in computer office applications. Applicants will have to sit for a practical test to establish their knowledge in this area.

e) be of good moral character (a Police certificate of conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications should be provided);

f) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from appropriate Public Authorities).

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview stage).

9. Eligible applicants who are tested and found to possess good working knowledge in Computing or who are confirmed to be in possession of the required passes of the ECDL Certificate indicated in paragraph 7c (i) above, will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post of Part-time Clerk.

10. The validity of the final order of merit put up for each School will expire after two years from the publication of the final result.

11. The vacant post and any subsequent vacancy arising in each particular school will be filled in accordance with the final order of merit put up after the interview and the test referred to in 9 above.

12. Successful candidate/s selected to fill the vacant post/s will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

13. (a) Applikazzjonijiet fuq il-formola preskritta, u li jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kap ta' l-Iskola, li għaliha tkun se ssir l-applikazzjoni, jintlaqgħu mill-istess Kap ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Ġunju, 2004.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta sad-data ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet, permezz tal-*fax/telex* jew inkella permezz ta' messaġġ ieħor simili, jiġu kkunsidrati sakemm dawn ikollhom id-dettalji kollha mitluba. L-applikazzjoni formali bil-firma ta' l-applikant trid tasal sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni dwar id-dewmien.

14. (a) L-applikazzjonijiet imwassla bl-idejn jingħataw irċevuta mill-Kap ta' l-Iskola.

(b) Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati fi żmien tajjeb biex jaslu qabel id-data u l-ħin tal-għeluq. L-applikazzjonijiet jingħataw irċevuta bil-miktub mill-Kap ta' l-Iskola fi żmien sebat ijiem.

15. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Il-11 ta' Ġunju, 2004

13. (a) Applications on the prescribed form which are available from the Office of the Head of School for which the application is intended, will be received by the same Head of School by not later than noon of Friday, 25th June, 2004.

(b) Applications received from abroad through a fax/telex or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the School by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Head of School and a receipt will be given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Head of School, within seven days.

15. Late applications will not be considered.

11th June, 2004

INSTITUTE OF TOURISM STUDIES

Prospectus for Full-Time Craft and Technical Programmes of Study

Academic Year 2004/2005

The Institute of Tourism Studies, St George' Bay, St Julians, offers the following programmes of study at Craft & Technical Level and also through the Extended Skills Training Scheme.

Level 1 - Foundation Certificate

This programme of study is offered in **Food Preparation and Service.**

The Certificate programme runs over two semesters, each of fifteen weeks duration, followed by a period of fifteen weeks Local Industrial Trade Practice at the end of the second semester.

Entry Criteria

The minimum entry requirements are two (2) 'O' Level passes at SEC 'O' level or above. Preference will be given to students having passes in Languages, Mathematics and Home Economics. Selection procedures consist of an aptitude test, a written and spoken English test, a numeracy test and a formal interview with a course specialist.

The relevant certificates/result slips are to be presented by not later than Friday, 20th August, 2004.

Level I award criteria

Students must achieve at least a Pass grade in all Foundation Level modules to be awarded the Foundation Level I Certificate in Food Preparation and Service.

Level 2 - Intermediate Certificate - Craft and Supervisory Skills

Programmes of study:

• Food Preparation and Production and Supervisory Studies;
• Food and Beverage Services and Supervisory Studies

Level 2 - Intermediate Certificate - Craft

These programmes offer the following options:-

• Food Preparation and Production
• Food and Beverage Service

Progression to Level II - Intermediate Craft and Supervisory Skills

Students in possession of a Level I Foundation Certificate at Merit or Distinction level who have obtained a City and Guilds qualification relevant to their chosen option, may apply for Level II - Supervisory options.

Progression to the Level II - Craft and Supervisory Skills Certificate is on merit and will be dependent on students achieving at least an average of 65% over the core modules of the option selected.

Progression to Level II - Intermediate Craft

Students in possession of a Level I Foundation Certificate at Pass Level, and who have attained a City and Guilds qualification relevant to their chosen option, may apply for Level II - Intermediate Craft options.

Progression to the Level II - Food Preparation and Production option will be dependent on students achieving an average of 65% over the Food Preparation and Production core modules.

Progression to the Level II - Food and Beverage Service option will be dependent on students achieving 65% in **one** of the FBS core modules.

Progression for Advanced Craft Students

Students who pass the Level 2 City and Guilds in the relevant area, will be eligible to study for the Level 3 City and Guilds Award on a **part-time or day-release basis.**

Level 3 - Advanced Craft Management Diploma

The Advanced Diploma programmes of study are offered in **Food and Beverage Service** and **Food Preparation and Production** and are designed for those students who seek management responsibilities in their chosen craft area. Practical studies leading to Level 3 City and Guilds qualifications are combined with a number of specialist management modules, including Finance and Human Resources.

Progression

Students following the Food Preparation and Production and Supervisory Studies or the Food and Beverage Service and Supervisory Studies programmes of study who obtain a merit or distinction together with a pass in the **City and Guilds Level 2,** relevant to their chosen option and who successfully complete a period of 12 months International Internship, will be eligible to progress to a Level 3 Advanced Diploma in their specialist area.

EXTENDED SKILL TRAINING SCHEME (ESTS) IN HOSPITALITY TRADES

Students in possession of the Technology "B" Certificate or a School Leaving Certificate at Form V level are eligible to apply for the Extended Skill Training Scheme (ESTS) in Hospitality Trades. This is a two (2) year apprenticeship programme

offered by the Institute of Tourism Studies in collaboration with the Employment and Training Corporation.

This Programme is offered in:-

• Food Preparation and Service

Conditions

The conditions governing this Scheme are attached in Annex A.

Application forms are available from the Employment and Training Corporation or from the Registrar's Office - Institute of Tourism Studies and will be received by the ETC or ITS **by not later than Friday, 25th June, 2004.**

MINIMUM AGE

The minimum age for applicants for the **LEVEL 1 FOUNDATION CERTIFICATE is sixteen years of age as on 31st August, 2004.** The minimum age for applications for the **EXTENDED SKILL TRAINING SCHEME** is **sixteen years (16) of age as on the 31st December, 2004.**

STUDENT PROFILING AND SELECTION PROCESS

The process of profiling and selection is set in two stages:

1. **Career Guidance**

At this stage, the prospective students will meet Institute of Tourism Studies' officials trained to offer career guidance to applicants, who will discuss the various programmes of study available.

2. **Personal Profiling and Aptitude**

Applicants having the necessary entry level qualifications will be interviewed and assessed on their language and numeracy skills, and aptitude for a career in the hospitality/tourism industry.

Applicants will be accepted according to the order of merit drawn up by the Selection Board, whose decision shall be final.

Applicants may be refused entry to the Institute of Tourism Studies programmes if found to be unsuitable at any stage of the selection process.

SPECIAL PROVISIONS

a) The language of tuition at the Institute of Tourism Studies is English.

b) The Institute may consider applications from mature students who are twenty-three (23) years of age or over and who are not in possession of the full entry qualifications. Such applications will be considered on an individual basis. This provision does not apply to students applying for the ESTS course.

c) The final decision of acceptance to the Institute of Tourism Studies will be on the basis of the personal profile and aptitude test.

d) Students in full-employment are responsible to make their own arrangements for their release in order to follow a programme of study at the ITS.

e) Successful applicants who come in contact with food will be required to complete successfully a Food Handlers course in accordance with current Health and Hygiene Regulations prior to commencing the course.

f) The Institute reserves the right to determine the number of new entrants in relation to the availability of resources and the standard of applicants.

REMUNERATION

Full time students of Maltese nationality following the Level 1, Level 2 or Level 3 programmes of study will be paid stipends as follows:

Level 1 Students Lm12 per week
Level 2 Students Lm17 per week
Level 3 Students Lm22 per week

Stipends will be paid two months in arrears.

Full-time students may be required to attend morning, afternoon or evening sessions.

Students are entitled to receive half the annual Government bonus, and have to pay their National Insurance Contribution.

Students in full employment or attending on part-time basis, will not be entitled to a student stipend from the Institute.

INDUSTRIAL PLACEMENTS

a) Full-time students will be required to undertake compulsory Local Industrial Trade Practice (during the summer recess) in establishments assigned to them by the Institute of Tourism Studies.

b) The students may enter into private arrangements, provided that the Institute approves such arrangements.

c) The satisfactory completion of Local Industrial Trade Practice is a requirement for the award of the Certificate.

d) Conditions of employment and remuneration payable during the local industrial trade practice will be in accordance with local current employment regulations.

e) The International Internship is a compulsory component of the Advanced Diploma.

CONDUCT

Students shall be subject to the Rules and Regulations of the Institute of Tourism Studies.

METHOD OF APPLICATION

Application forms for Level 1, Level 2 and Level 3 programmes of study and entry into the Extended Skills Training Skills, may be obtained from:

The Registrar
Institute of Tourism Studies
St George's Bay
St Julians

The Institute of Tourism Studies
Qala Campus
Gozo

The application form should be duly completed and accompanied by:

a) Photocopies of all certificates required (or a photocopy of the result slip) including references. Original certificates are to be presented during the interview.
b) Four (4) passport size photographs.
c) Photocopy of Identity card.

The Registrar of the Institute of Tourism Studies, St George's Bay, St Julians will receive applications, accompanied by

the relevant documentation, **by not later than noon of Friday 25th June, 2004.**

The Institute will acknowledge applications delivered by hand in writing, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

Applications by post should be sent by **registered mail and in sufficient time to ensure delivery by the above deadline.** The Registrar will acknowledge such applications in writing within seven days.

These conditions and entry criteria are subject to review without prior notice by the Board of Governors of the Institute of Tourism Studies.

Additional information regarding the Institute of Tourism Studies may be viewed on our website at http://its.gov.mt.

THE INSTITUTE RESERVES THE RIGHT TO AMEND ANY INFORMATION CONTAINED IN THIS PROSPECTUS.

ESTS - HOSPITALITY 2004 Intake

Entry Qualifications

Completion of Form V
OR
Completion of 2-Year Technology B

First Year of Apprenticeship

First Semester (October to January)

Full-time at ITS receiving Lm40 monthly form Education Department

Second Semester (February to June)

3 days at ITS; 2 days placement in a Hotel/Restaurant
To receive Lm40 monthly from Education Department

Work Phase One (July-September)

• During summer apprentices are to work a 40-hour week with employer.
• This 40-hour week may be spread over a period of 5 days.
• During this Work Phase apprentice will receive Lm100 a month from the Education Department. This amounts to Lm300 for the whole Work Phase.
• No payment by employer. Any payment will be at the discretion of the employer.
• Unsponsored apprentices will not receive any payment from the Education.

Second Year of Apprenticeship

Third and Fourth Semester (October to mid-June)

2 days at ITS; 3 days work
Lm40 monthly paid by the Education Department
Lm20.50c per week paid by the employer

Work Phase Two (mid-June to September)

• During summer apprentices are to work a 40-hour week with employer. This 40-hour week may be spread over a period of 5 days.

• Lm40 monthly paid by the Education Department
• Lm20.50c per week paid by Employer.

Other Conditions

During First Year of Apprenticeship, all apprentices receive Lm140 one-off, in addition to the Lm40 monthly paid by the Education Department.

During Work Phase One, apprentices are entitled to 9 days leave.

During Second Year of Apprenticeship, apprentices are entitled to 2 days leave for every 20 days at place of work plus Public Holidays.

Sick Leave: 15 days on full pay; 15 days on half pay.

National Insurance (N.I.) to be paid by Apprentice and Employer during Second Year of apprenticeship.

Certification

A Journeyman's Certificate is awarded to those who successfully complete the two year apprenticeship.

11th June, 2004

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Riżultati ta' l-Intervisti għall-Postijiet fis-Servizz Pubbliku

Is-Segretarju Permanenti Prinċipali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultati ta' l-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn fuq fin-*notice-board* tar-*Reception Area,* Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta u fil-Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex. Wieħed jista' jara r-riżultati wkoll fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-postijiet huma dawn li ġejjin:
Charwoman
Skrivan

Il-11 ta' Ġunju, 2004

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Results of the Interviews for Posts in the Public Service

The Principal Permanent Secretary notifies that the results of the interviews for the under-mentioned posts may be viewed on the notice-board at the Reception Area, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta and at the Ministry for Gozo, Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo. The results may also be viewed on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The posts are the following:-
Charwoman
Clerk

11th June, 2004

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Riżultat ta' l-Intervista għall-Postijiet ta' Assistent Uffiċjal Tekniku *(Hyperbaric Unit)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Id-Direttur Ġenerali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-postijiet imsemmija hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali tad-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il- Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-11 ta' Ġunju, 2004

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Result of Interview for the Posts of Assistant Technical Officer (Hyperbaric Unit) in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Director General notifies that the result of the interview for the above-mentioned posts may be viewed on the main notice-board in the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

11th June, 2004

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Deċiżjoni

CCD/40/04

Il-15 ta' April, 2004

Deċiżjoni fuq akkwist skond regolament 6(1)(ii) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet (A.L. 294 ta' l-2002).

L-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta,

Wara li kkonsidra n-notifika ta' l-4 ta' Marzu, 2004 ai termini tar-regolament 5 ta' l-A.L. 294 ta' l-2002;

Wara li kkonsidra d-disposizzjonijiet tar- Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ta' l-2002 (A.L. 294 ta' l-2002);

Wara li kkonsidra l-ġurisprudenza odjerna ta' l-Unjoni Ewropea u dik oħra barranija.

Il-Fatti

1. Fl-4 ta' Marzu, 2004 is-Sur Louis Farrugia ta' l-intrapriża Simonds Farsons Cisk plc (aktar 'l isfel imsejħa Farsons) bħala *Managing Director/CEO* intavola n-notifika fl-Uffiċċ ju għall-Kompetizzjoni Ġusta (aktar 'l isfel imsejjaħ UKĠ) ta' l-akkordju bejn Farsons u Law. Quintano & Co. Ltd (aktar l'isfel imsejħa Law. Quintano), intrapriża li topera primarjament fis-settur konċernanti l-importazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa ta' prodotti alimentari ttikettjati u manifatturati minn intrapriżi barranin b' rappreżentanza f'Malta, illi skond Farsons, b'permezz ta' tali akkordju Farsons se jakkwista l-operazzjonijiet ta' Law. Quintano *on a going concern basis*.

2. L-intavolar u l-aċċettazzjoni ta' tali notifika ġie mgħarraf lill-pubbliku permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 17,549 fid-9 ta' Marzu 2004 u avviz f'dan ir-rigward li deher f'gazzetta lokali fl-10 ta' Marzu 2004.

Il-Partijiet

3. F' dan il-każ il-partijiet f'dan l-akkordju huma Farsons u Law. Quintano. Farsons hija intrapriża kostitwita minn grupp ta' kumpaniji li l-operazzjonijiet tagħhom jikkonsistu fil-produzzjoni u l-bejgħ ta' birra, bejgħ ta' xorb manifatturat minn ditti oħrajn, inklużi nbejjed u spirti. Hija wkoll topera stabbilimenti alimentari taħt frankiġja. L-operazzjoniijet tagħha jsiru, prinċipalment, fis-suq lokali.

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Decision

CCD/40/04

15th April, 2004

Decision on acquisition in terms of regulation 6(1) (ii) of Regulations on Control of Concentrations (LN 294 of 2002).

The Office for Fair Competition ,

Having considered the respective notification of 4 March 2004 pursuant to regulation 5 of LN 294 of 2002;

Having considered the provisions of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 (LN 294 of 2002);

Having considered EC and other foreign jurisprudence

Facts

1. On 4th March, 2004 Mr. Louis Farrugia (Managing Director/CEO) of Simonds Farsons Cisk plc (hereinafter referred to as Farsons) notified the Office for Fair Competition (hereinafter referred to as OFC) with an agreement between Farsons and Law.Quintano & Co. Limited (hereinafter referred to as Law. Quintano), an undertaking engaged primarily in the importation and sale by wholesale of represented branded foodstuffs, according to which Farsons is to acquire all the operations of Law. Quintano on a going concern basis.

2. The filing and the acceptance of such notification was notified to the public through a Government Notice in the Government Gazette number 17,549 dated 9 March 2004 and a notice that appeared in a local newspaper on 10 March 2004.

Parties

3. In this case the parties to the agreement are Farsons and Law. Quintano. Farsons is a group of companies whose operations consist in the brewing, production and sale of beer and branded beverages, the importation and sale of beverages including wines and spirits and the operation of franchised food retailing establishments. During 2002 the Group re-organised its investment property, within a new property management company. These operations are carried out, primarily, on the local market.

4. L-importazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa ta' xorb minn Farsons isir permezz tas-sussidjarji Wands Limited u Anthony Caruana & Sons limited. In-negozju tal- *cash and carry* tax-xorb isir mis-sussidjarji Wands Limited u Guido Vella Limited.

5. L-operat ta' Law Quintano jikkonċerna primarjament l-importazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa ta' prodotti alimentari ttikettjati u manifatturati minn intrapriżi barranin b' rappreżentanza f'Malta li jinkludu *yoghurts, sauces,* gallettini, ħlewwiet u prodotti tal-ħalib. Law Quintano tixtri biċċa l-kbira mill-prodotti tagħha minn fornituri barranin. L-operazzjonijiet ta' Law Quintano jsiru f'Malta u huma ikko-ordinati mill-mħażen u l-uffiċini tagħha li jinsabu f'Edsons. Triq il-Kummerċ, Qormi.

L-Akkordju

6. Skond in-notifikazzjoni f'para. 2.1.1 Farsons għandu jakkwista l-operazzjonijiet ta' Law. Quintano *on a going concern basis* u jikseb l-assi kollha tanġibbli u intanġibbli tan-negozju bl-esklużjoni tal-krediturі kapitali u kontanti kemm fil-bank u barra l-bank.

7. Farsons mhuwiex se jakkwista l-ishma f'Law.Quintano, iżda se jixtri l-assi u d-djun kollha inklużi għamara, apparat, vetturi, u *stock in trade*, debituri u krediturі bl-esklużjoni tas-slif mill-bank u krediturі kapitali.

8. Il-bord tad-diretturi ta' Farsons approvaw l-akkwist tan-negozju ta' Law Quintano kif preskritt fl-akkordju preliminarju anness man-notifikazzjoni suespost sottomess għall-konjizzjoni ta' UKĠ. L-azzjonjisti ta' Law. Quintano kif ukoll il-kumpanija prinċipali N. Zammit and Sons Limited qablu mat-termini u l-kundizzjonijiet u ffirmaw l-akkordju preliminarju.

Konċentrazzjoni notifikabbli

9. It-tranżazzjoni notifikata li permezz tagħha Farsons akkwista l-kontroll dirett ta' Law Quintano huwa konċentrazzjoni skond regolament 2 (d) (ii) tar-Regolamenti fuq il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet.

10. Regolament 2(d)(ii) tiddefinixxi akkwist bħala tranżazzjoni li fiha jsir l-akkwist minn intrapriża waħda jew aktar minn waħda jew minn persuna waħda jew aktar li jkunu diġà jikkontrollaw ta' l-inqas xi intrapriża waħda, sew b'xiri ta' titoli jew ta' assi, b'kuntratt jew b'kull mezz ieħor, ta' kontrol dirett jew indirett ta' intrapriża jew intrapriżi sħaħ, jew ta' partijiet minnhom.

4. Importation and wholesale of beverages by Farsons is carried out through its subsidiaries Wands Limited and Anthony Caruana & Sons. Cash and carry of beverages is done through its subsidiaries Wands Ltd. and Guido Vella Ltd.

5. The operations of Law Quintano consist primarily of the importation and wholesale of represented branded foodstuffs including yoghurts, sauces, biscuits, confectionary and dairy products. Law Quintano imports nearly all its products directly from suppliers. The operations of Law Quintano are carried out in the local market and are managed from its distribution warehouses and offices situated at Edsons, Commerce Street, Qormi.

Agreement

6. According to the notification in para.2.1.1 Farsons is to acquire all the operations of Law Quintano on a going concern basis and will take over the intangible and tangible assets of the business excluding capital creditors and cash in hand and at bank.

7. Farsons will not acquire the shares in Law Quintano but shall purchase all the assets and liabilities including furniture fittings and equipment, vehicles and stock in trade, trade debtors and trade creditors but excluding bank borrowings and capital creditors.

8. The board of directors of Farsons have approved the acquisition of the business of Law. Quintano as defined in the preliminary agreement attached with the notification submitted to the OFC. The shareholders of Law. Quintano as well as those of the parent company N. Zammit and Sons Limited have agreed to the terms and conditions of the acquisition and have signed the preliminary agreement.

Notifiable Concentration

9. The notified operation whereby Farsons acquires the direct control of Law. Quintano, is a concentration within the meaning of regulation 2 (d) (ii) of the Regulations on the Control of Concentrations.

10. Regulation 2(d) (ii) refers to the acquisition by one or more undertakings or by one or more persons already controlling at least one undertaking, whether by purchase of securities or assets, by contract or by any other means, of direct or indirect control of the whole or parts of one or more undertakings.

11. F'dan il-każ, il-konċentrazzjoni proposta hija l-akkwist ta' kontroll dirett minn Farsons ta' Law. Quintano b'permezz ta' kuntratt.

Threshold li jiskatta l-obbligu ta' notifikazzjoni

12. It-*turnover* ta' l-intrapriżi parti f'din it-tranżazzjoni fis-sena finanzjarja preċedenti qabżet it-*turnover* totali kkontemplata mir-regolament numru 2 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet.

Evalwazzjoni

Is-Suq Rilevanti

13. L-UKĠ timxi fuq id-definizzjoni ta' suq għall-prodott kif adottata fil-każistika li tikkonċerna l-amalgamazzjonijiet odjerni ta' l-Unjoni Ewropea. Il-każijiet illi l-UKĠ irrefera għalihom huma *Vodafone/Airtouch*[1], *Telia/Telenor*[2], *Guinness/Grand Metropolitan*[3]. Fil-każ ta' *Vodafone/Airtouch* u *Telia/Telenor* il-punto di vista prinċipali li ttieħed kien dak primarament li jiġi stabbilit is-settur ekonomiku l-aktar milqut mill-konċentrazzjoni notifikata. Fiż-żewġ każijiet *Vodafone/Airtouch* u *Telia/Telenor* il-Kummissjoni Ewropea għażlet id-definizzjoni wiesgħa ta' suq relevanti għall-prodott. Fil-każ ta' *Vodafone/Airtouch* il-Kummissjoni Ewropea għażlet li taddotta definizzjoni wiesgħa tas-suq minħabba l-fatt illi hija qieset tali tranżazzjoni, kif ġiet modifikata, bħala konċentrazzjoni kompatibbli mas-Suq Komuni[4]. F'dan il-każ, huwa ċar u manifest illi s-settur ekonomiku affettwat huwa dak primarjament konness mal-bejgħ ta' l-ilma fil-flixkun u sa ċertu punt l-importazzjoni ta' prodotti alimentari tikkettjati.

14. F' dan l-akkwist hemm sporġiment fi prodott partikulari u nuqqas ta' sporġiment fil-prodotti impurtati u/jew distribwiti mill-kumpanija akkwistata. L-UKĠ ikkonsidra illi l-attività tal-partijiet jisporġi sostanzjalment fis-suq konċernanti l-bejgħ bl-ingrossa ta' ilma mmanufatturat lokalment u l-importazzjoni ta' ilma ibbottiljat. Farsons għandha sehem sinifikanti fil-manifattura u l-importazzjoni ta' l-ilma ippakkjat ġo fliexken, filwaqt li Law Quintano għandha sehem żgħir ħafna fis-suq ta' l-importazzjoni ta' l-ilma ibbottiljat. Law Quintano ma tipproduċix ilma bbottiljat. Fil-każ ta' bejgħ bl-ingrossa u importazzjoni ta' *yoghurt*, gallettini, *sauces*, u bejgħ bl-ingrossa ta' *sauces* manufatturati lokalment, *yoghurt* u gallettini, Farsons m'għandu l-ebda sehem mis-suq għaliex ma joperax f'dan is-settur ekonomiku.

15. Is-suq ġeografiku huwa Malta u Għawdex, iżda, l-operat tal-partijiet huwa konċentrat f'Malta.

Analiżi sostantiva

16. L-UKĠ, ikkonsidra b'reqqa dawn l-elementi hekk imsemmija hekk kif ġej:

11. In this case, the proposed concentration is the acquisition of direct control by Farsons of Law Quintano by means of a contract.

Threshold for Notification

12. The aggregate turnover of the parties concerned in the preceding financial year exceeds that set out in regulation 2 of the Regulations on Control of Concentrations.

Assessment

The relevant market

13. The OFC follows the definition of the product market as adopted in EC merger caselaw. The cases referred to were *Vodafone/Airtouch*[1], *Telia/Telenor*[2], *Guinnes/Grand Metropolitan*[3]. In *Vodafone/Airtouch* and *Telia/Telenor* the approach was primarily that of establishing the economic sector which was most likely to be affected by the notified concentration. In both cases the European Commission opted for a wide definition of the product market. In the *Vodafone/Airtouch* case the European Commission left the market definition open because it felt that the transaction as modified was not incompatible with the Common Market[4]. In this case, it is clear that the affected economic sector is primarily the sale of bottled water and to a lesser extent the importation of branded food products.

14. In this acquisition there is an overlap in one particular product and no overlap in the other products imported and/or distributed by the target company. The OFC considered that the activity of the parties overlap materially in the wholesale of locally produced bottled water and the importation of bottled water. Farsons has a significant market share in the manufacture and importation of bottled water whilst Law. Quintano has trivial market share in the importation of bottled water. Law. Quintano does not produce bottled water. In the case of the wholesale and importation of foreign branded yoghurts, biscuits, and sauces, and the wholesale of locally manufactured sauces, yoghurt and biscuits, Farsons does not have any market share since it does not operate in this economic sector.

15. The geographic market is Malta and Gozo, however, the operations of both parties are mainly concentrated in Malta.

Substantive analysis

16. The OFC , paid particular attention to the following elements:

a) l-attivitajiet tal-partijiet notifikati;
b) l-istruttura tas-suq u l-preżenza ta' imblokki għad-dħul fis-suq;
c) *Portfolio power*;
d) *Countervailing buying power*; u
e) Restrizzjonijiet anċillari.

Attivatijiet tal-partijiet notifikanti

17. Law.Quintano, l-intrapriża akkwistata, topera esklużivament u ġeneralment fl-importazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa, Farsons, mill-banda l-oħra, hija ingaġġata fil-produzzjoni u l-bejgħ tal-birra u xorb ieħor ittikettjat inklużi nbejjed u spirti, u l-operazzjoni ta' stabbilimenti ta' l-ikel taħt frankiġja. Għalhekk, l-isporġiment jeżisti primarjament fl-importazzjoni ta' xorb. F'dan il-każ, Farsons jimporta ilma fil-flixkun u xorb ieħor.

18. Għal dawn ir-raġunijiet, hemm żewġ strutturi ta' swieq differenti illi wieħed irid janalizza:

i) l-importazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa ta'ilma fil-flixkun;
ii) l-importazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa ta'oġġetti alimentari oħra.

L-istruttura tas-suq ta' l-importazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa ta' ilma fil-flixkun

19. L-importazzjoni ta'ilma fil-flixkun huwa suq frammentat li huwa maqsum bejn għadd kbir ta' kompetituri li jirrapreżentaw tikketti differenti. F'dan il-każ minħabba l-preżenza ta' imblokki mhux serji għad-dħul fis-suq, in-numru ta' tikketti jista' jiżdied mal-milja taż-żmien u l-kompetizzjoni fuq il-prezz tiżdied, għalhekk, is-suq ta' l-importazzjoni ta' l-ilma fil-flixkun huwa suq pjuttost kompetittiv.

20. Farsons jikkontendi sehem mis-suq ta' 'il fuq min 40%. Iżda, f'dan il-każ is-saħħa ta' Farsons tinħass b'mod sinifikanti fis-suq ta' l-ilma manifatturat f'Malta. Meta tiġi għall-importazzjoni ta' l-ilma bbottiljat Farsons għandha sehem mis-suq illi hija inqas minn 15%.

21. Law. Quintano għandu sehem mis-suq żgħir għalhekk l-isporġiment fis-swieq tal-partijiet fit-tranżazzjoni huwa ta' natura orizzontali u flimkien Farsons u Law. Quintano ma jaqbżux il-15% fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' l-ilma fil-flixkun.

L-istruttura tas-suq ta' l-importazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa ta' prodotti alimentari ttikkettjati

a) Activities of the notifying parties;
b) Market structure and the presence of barriers to entry;
c) Portfolio power;
d) Countervailing buying power; and
e) Ancillary restraints.

Activities of the Notifying Parties

17. Law Quintano, the target company, operates exclusively in the general importation and wholesale market. Farsons, on the other hand, is engaged in the brewing, production and sale of beer and branded beverages, importation and wholesale of beverages including wines and spirits, and the operation of franchised food retailing establishments. Therefore, the overlap features primarily in the importation of beverages. In this case Farsons imports bottled water and other beverages.

18. For the above mentioned reasons, two separate market structures should be analysed:

i) the importation and wholesale of bottled water;
ii) the importation and wholesale of foodstuffs in general.

Market structure of the importation and wholesale of imported bottled foreign water

19. The importation of bottled water is a segmented market which is split up amongst a number of competitors representing different brands. In this case, due to low barriers to entry the number of brands could gradually increase over time and competition on prices could also increase therefore the market of the importation of bottled water is quite competitive.

20. Farsons claims ownership of a market share of more than 40%. However, in this case significant market power by Farsons is exercised in the market of locally manufactured bottled water. As to the importation of bottled water Farsons has a market share of less than 15%.

21. Law Quintano has a small market share therefore the overlap of the notifying parties is of a horizontal nature and in combination Farsons and Law Quintano will not exceed 15% market share when it comes to the imports of foreign bottled water.

Market structure of the importation and wholesale of branded food stuffs

22. Law. Quintano timporta *sauces, yoghurts*, u gallettini u għandha sehem żgħir mis-suq għal kull prodott suespost. Farsons m'għandu l-ebda sehem mis-suq fl-importazzjoni tal-prodotti suesposti.

23. F' dan il-każ m'hemm l-ebda sporġiment fil-prodotti importati minn Farsons u dawk importati minn Law. Quintano fis-suq għall-prodotti ta' l-ikel ippakkjat.

Portfolio Power

24. *Portfolio power* huwa l-kunċett li jinkorpora fih is-saħħa fis-suq iġġenerat minn-*portfolio* ta' tikketti li jeċċedi it-total ta' l-assjem tal-partijiet. Il-Kummissjoni Ewropea, fid-deskrizzjoni ġenerali tal-kunċett ta' *portfolio power* tgħid illi d-detentur ta' *portfolio* wiesa' ta' prodotti ikollu:

'…aktar flessibiltà biex jistruttura l-prezzijiet, skontijiet, l-attivitajiet promozzjonali, biex iwettaq *tying* u (kif ukoll) biex jikkonkretizza *economies of scale and scope* fl-operat kummerċjali u promozzjonali tiegħu. Barra minn dan, it-theddida ta' rifjut għall-għotja ta' forniment sew jekk tkun impliċita jew espliċita, isir aktar plawżibbli[5].'

25. F' dan il-każ huwaċar u manifest illi *portfolio power* m'huwiex possibbli illi jseħħ minħabba:

a) il-*portfolio* ta' tikketti mhuwiex wiesgħa biżżejjed biex iqajjem tħassib f'dak li għandu x'jaqsam ma' kompetizzjoni ġusta. Meta wieħed iqis it-tikketti kollha li jinsabu fil-*portfolio* in diżamina , hemm tikketta waħda b'saħħitha dik konċernanti prodott tal-*yoghurt* u tikketta oħra b'saħħitha konċernanti l-prodott tas-*sauces*, prodotti illi huma kompletament skonessi mal-prodotti li Farsons timporta u/jew timanufattura. Barra minn hekk, il-portfolio ta' tikketti mhuwiex penetranti biżżejjed, dan meta wieħed iqis is-sehem żgħir fis-suq ta' l-importazzjoni ta' l-ilma fil-fliexken minn Law. Quintano. Is-sehem żgħir mis-suq in diżamina ma jista' bl-ebda mod jixpruna l-prodotti li jimporta Farsons, u l-possibiltà li t-tikketti ta' Law Quintano jgħinu biex iżidu s-sehem fis-suq ta' Farsons fis-suq ta' l-ilma hija pjuttost remota;

b) il-*portfolio* ta' tikketti ma jagħtix indikazzjonijiet ċari illi tista' tiżdied il-possibiltà ta' *tying*. Normalment, *tying* huwa komuni bejn prodotti illi huma relatati, u *tying* ikun mistenni li jseħħ meta jkun hemm tikketti illi jgawdu minn sehem għoli fis-suq f'*portfolio* ta' tikketti. F'dan il-każ it-tiketti li se jkunu akkwiżiti minn Farsons mgħandhomx sehem għoli fis-suq;

ċ) il-*portfolio* ta' tikketti ma jqanqalx tħassib jew ebda eventwalità ta' *refusals to deal*.

Countervailing Power

26. *Bundling* hija prassi illi possibilment li sseħħ. Iżda,

22. Law Quintano imports sauces, yoghurts and biscuits, and has a low market share in each segment. Farsons does not have any market share in the importation of the latter mentioned food products.

23. In this case there is no overlap between the products imported by Farsons and Law Quintano in the packed food market.

Portfolio Power

24. Portfolio power is the idea that the market power deriving from a portfolio of brands exceeds the sum of its parts. The European Commission, in its general discussion of the concept of 'portfolio power' states that the holder of a wide portfolio of products will:

'…have greater flexibility to structure his prices, promotions and discounts, he will have greater potential for tying, and he will be able to realise economies of scale and scope in his sales and marketing activities. Finally, the implicit (or explicit) threat of a refusal to supply is more potent[5].'

25. In this case it is clear that portfolio power is unlikely to occur given the fact that:

a) the portfolio of brands is not wide enough to raise competition concerns. In the whole portfolio of brands there is only one strong brand for yoghurts and one strong brand for sauces which are completely unrelated to the products Farsons manufactures and/or imports. Moreover, the portfolio of brands is not deep enough, and that the very small market share of imported bottled water brands by Law Quintano can not be perceived to boost the brands imported by Farsons. Moreover, it is very unlikely that Law Quintano brands of imported foreign bottled water could help in increasing the market share of Farsons in the water segment;

b) the portfolio of brands does not give clear indications that it could in any way increase the scope for tying. Usually tying is common between related products, and tying could only be envisaged when there is the presence of high market share brands within a given portfolio of brands. In this case in the brands to be acquired by Farsons there are no clear high market share brands.

c) the portfolio of brands does not raise concerns or threats of refusals to deal.

Countervailing Power

26. Bundling could be a possible occurrence. This could

tista' tkun effettiva ma' *grocers* jew inkella *medium-sized super markets* iżda mhux neċessarjament ma *discount stores* stabbiliti. *Discount stores* stabbiliti għandhom inċentiv akbar li joffru xelta l-aktar wiesgħa possibli ta' prodotti, għalhekk, il-*countervailing purchasing* ta' dawn id-*discount stores* stabbiliti jikkompensa għall-inċentivi ta' *grocers* żgħar u *medium-sized supermarkets* biex jistokkjaw il-ħwienet tagħhom bl-anqas spejjeż possibbli.

Restrizzjonijiet Anċillari

27. Skond l-akkordju preliminari, Law. Quintano huwa pprojbit milli jingaġġa direttament jew indirettament f'negozju relatat ma' l-importazzjoni ta' ikel u xorb f'Malta għal perjodu ta' sentejn mid-data tat-trasferiment, mingħajr il-kunsens ta' Farsons. Dan l-obbligu biex ma ssirx kompetizzjoni huwa kkunsidrat aċċettabbli ai termini tal-*Commission Notice on restrictions directly related and necessary to concentrations (2001/C 188/03)* ġaladarba n-negozju suespost jinvolvi livell għoli ta' *customer loyalty*[6].

Konklużjonijiet

In vista tas-suespost u r-raġunijiet imsemmija (f'paragrafi 13-27) u ai termini ta' regolament 6 (1) (ii) tar-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet, 2002 (LN 294 ta' l-2002), l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta għaldaqstant:

1) Iddeċieda illi għalkemm il-konċentrazzjoni taqa' fl-ambitu ta' dawn ir-Regolamenti, il-konċentrazzjoni ma tqajjimx dubji serji dwar il-legittimità tagħha;

2) Iddeċieda illi ma jopponix il-konċentrazzjoni u

3) Iddikjara tali konċentrazzjoni bħala konċentrazzjoni leġittima.

MARCEL PIZZUTO
Direttur

[1]Kaz numru IV/M.1430 - VODAFONE/AIRTOUCH – 21/05/1999

[2]COMP/M.1439 – TELIA/TELENOR – 13/10/1999

[3]Każ numru IV/M.938 – GUINNES/GRAND METROPOLITAN – 27/10/1998

[4]Kaz numru IV/M.1430- VODAFONE/AIRTOUCH – 21/05/1999

[5]Każ numru IV/M.938 – GUINNES/GRAND METROPOLITAN – 27/10/1998 (para.40).

[6]Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea ta' 1 ta' Settembru 2000 (COMP/M.1980 – Volvo/Renault VI, recital 56).

be effective with grocers or medium sized supermarkets but not necessarily with the established discount stores. Established discount stores have a greater incentive to offer the broadest product range possible, therefore the countervailing purchase power of these established discount stores compensate for the incentives of small grocers or medium sized supermarkets to stock their outlets with the lesser expenses possible.

Ancillary Restraints

27. According to the preliminary agreement, Law Quintano would be precluded from dealing directly or indirectly in business relating to the importation of food and beverages in Malta for a period of two years from the transfer date, without Farson's consent. This non-compete clause is considered acceptable in terms of Commission Notice on restrictions directly related and necessary to concentrations (2001/C 188/03) since this business involves a high level of customer loyalty[6].

Conclusions

For the above mentioned reasons, particularly the reasons made mention of in (para.22-36) and in terms of regulation 6 (1) (ii) of Regulations on Control of Concentrations, 2002 (LN 294 of 2002), the Director of the Office for Fair Competition has therefore:

(1) Decided that although the Concentration falls within the scope of these Regulations, the Concentration does not raise serious doubts about its lawfulness;

(2) Decided not to oppose the Concentration and

(3) Declares it to be a lawful Concentration.

MARCEL PIZZUTO
Director

[1]Case No IV/M.1430- VODAFONE/AIRTOUCH – 21/05/1999.

[2]COMP/M.1439- TELIA/TELENOR - 13/10/1999.

[3]Case No IV/M.938 – GUINNES/GRAND METROPOLITAN – 27/10/1998.

[4]Case No IV/M.1430- VODAFONE/AIRTOUCH – 21/05/1999 (para.12).

[5]Case No IV/M.938 – GUINNES/GRAND METROPOLITAN – 27/10/1998 (para.40).

[6]Commission Decision of 1st September 2000 (COMPċM.1980-Volvoċ Renault VI, recital 56).

KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

Il-Kunsill Lokali Għargħur jgħarraf li Triq Mons. L. Catania se tkun magħluqa għat-traffiku kollu nhar it-Tnejn, l-14 ta' Ġunju 2004, bejn it-8.00 a.m. u t-3.00 p.m. Waqt dawn il-ħinijiet, Triq il-Ġnien se tkun *two-way*.

Il-11 ta' Ġunju, 2004

GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

The Għargħur Local Council notifies that Triq Mons. L. Catania will be closed to all traffic on Monday 14th June 2004 from 8.00 a.m. tao 3.00 p.m. During this period, Triq il-Ġnien will be two-way.

11th June, 2004

KUNSILL LOKALI FGURA

Il-Kunsill Lokali Fgura jgħarraaf lill-pubbliku li l-applikazzjoni għall-permess ta' gabbani u tqegħid ta' mwejjed fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu li se ssir nhar il-11 ta' Lulju 2004 qed jintlaqgħu fl-uffiċċju tal-Kunsill sa mhux aktar tard minn nhar il-Ħamis, it-8 ta' Lulju 2004 f'nofsinhar. Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet wara din id-data.

Il-11 ta' Ġunju, 2004

FGURA LOCAL COUNCIL

The Fgura Local Council informs the public that application for the permission of kiosks and setting of tables on the occasion of the Feast of Lady of Carmel being held on July 2004 are accepted at the Council office not later than noon of Thursday, 8th July 2004. No applications will be considered after this date.

11th June, 2004

KUNSILL LOKALI QRENDI

Il-Kunsill Lokali Qrendi jgħarrafilli fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali li jmiss tat-22 ta' Ġunju 2004, il-Kunsill se jiddiskuti l-proposta ta' *bye-law* fil-lokalità dwar reklami fuq għamara tat-toroq u pubblikazzjonijiet tal-Kunsilli Lokali (inkluż il-*website* uffiċjali).

Il-11 ta' Ġunju, 2004

QRENDI LOCAL COUNCIL

The Qrendi Local Council will be discussing the bye-law proposal for advertising on Council's street furniture and publications (including the official website) in the next Council meeting of the 22nd June, 2004.

11th June, 2004

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-15 ta' Ġunju, 2004, għal:

CT 94/2004. Domumenti ta' kwestjonarju għall-prekwalifikazzjoni għall-provvista, stallazzjoni u kummissjonar ta' Impjant għad-Dekontaminazzjoni ta' Skart Kliniku - Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-22 ta' Ġunju, 2004, għal:

CT 108/2004. Kiri ta' karozzi bis-servizz ta' xufier waqt funzjonijiet uffiċjali (2004/2005) - Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 15th June, 2004, for:

CT 94/2004. Prequalification questionnaire document for the supply, installation and commissioning of a Clinical Waste Decontamination Plant - Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 22nd June, 2004, for:

CT 108/2004. Hire of chauffeur driven cars during official functions (2004/2005) - Ministry of Foreign Affairs.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-1 ta' Lulju, 2004, għal:

CT 100/2004. Provvista, konsenja u stallazzjoni ta' tagħmir speċjalizzat għal *border-control* lill-Forzi Armati ta' Malta. Proġett ta' l-E.U. - Europeaid/117467/D/S/MT *National Pre-Accession Programme 2003 for Malta*.

CT 111/2004. *Alternative premises* għat-Taqsima Propjetà tal-Gvern - Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern.

CT 112/2004. Provvista ta' *non ionic contrast medium for cardioangiography containing 350mg-370mg iodine per ml in phials of 50ml* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 113/2004. Provvista ta' *hydrocolloid dressings, size: 20cm x 20cm* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 114/2004. Provvista ta' pilloli *pergolide 250microgram* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 115/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *imipenem* u *cilastatin 500mg for IV vials* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 116/2004. Provvista ta' *protein powder* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 117/2004. Provvista ta' *pericardial/pleural water seal chest drain-single* - Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-6 ta' Lulju, 2004, għal:

CT 118/2004. Provvista ta' kapsoli *alphacalcidol 1mcg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 119/2004. Provvista ta' *gellatin modified fluid* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 120/2004. Provvista ta' *emollient bath additive* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 121/2004. Provvista ta' ingwanti *latex examination (small)* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 122/2004. Provvista ta' *high performance hollow fibre dialysers UF30-50* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 123/2004. Provvista ta' ingwanti *latex examination (medium)* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 124/2004. Provvista ta' ingwanti *latex examination (large)* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 128/2004. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *tablet diaries* 2005 lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 1st July, 2004, for:

CT 100/2004. Supply, delivery and installation of specialist border-control equipment to the Armed Forces of Malta. E.U. Project - Ref: Europeaid/117467/D/S/MT National Pre-Accession Programme 2003 for Malta.

CT 111/2004. Alternative premises for the Government Property Division - Ministry for Justice and Home Affairs.

CT 112/2004. Supply of non ionic contrast medium for cardioangiography containing 350mg-370mg iodine per ml in phials of 50ml - Department of Health.

CT 113/2004. Supply of hydrocolloid dressings, size: 20cm x 20cm - Department of Health.

CT 114/2004. Supply of pergolide 250 microgram tablets - Department of Health.

CT 115/2004. Supply of imipenem and cilastatin injections 500mg for IV vials - Department of Health.

CT 116/2004. Supply of protein powder - Department of Health.

CT 117/2004. Supply of pericardial/pleural water seal chest drain-single - Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 6th July, 2004, for:

CT 118/2004. Supply of alphacalcidol 1mcg capsules - Department of Health.

CT 119/2004. Supply of gellatin modified fluid - Department of Health.

CT 120/2004. Supply of emollient bath additive - Department of Health.

CT 121 /2004. Supply of gloves latex examination (small) - Department of Health.

CT 122/2004. Supply of high performance hollow fibre dialysers UF30-50 - Department of Health.

CT 123/2004. Supply of gloves latex examination (medium) - Department of Health.

CT 124/2004. Supply of gloves latex examination (large) - Department of Health.

CT 128/2004. Period contract for the supply of tablet diaries 2005 to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 129/2004. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *rectangular precast hollow concrete blocks* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-27 ta' Lulju, 2004, għal:

CT 101/2004. Disinjar u bini ta' implant għat-trattament ta' l-ilma ta' l-iskart urban f'Ta' Mġarr ix-Xini, limiti ta' Għajnsielem, Għawdex, Malta - Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm200 (450 Euros) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta. Proġett ta' l-E.U. - EuropeAid/117155/D/W/MT *National Pre-Accession Programme 2003 for Malta.*

CT 109/2004. Provvista ta' *blood collection* u *filtration systems*- Dipartiment tas-Saħħa.

CT 110/2004. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *ready mix concrete* għal użu ġenerali u *maritime* f'Malta (2005) lis-Sezzjoni tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-ĦAMIS, il-5 ta' Awissu, 2004, għal:

*CT 130/2004. Tindif tas-siti kollha tal-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) preżentement Corradino Main Campus, Kordin; Villa Portelli, Kalkara; Tarġa Gap, il-Mosta, in-Naxxar, l-Imsida, Tas-Sliema, Ħal Luqa u f'Għawdex - Kulleġġ ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

*Avviż li qed jidher għall-ewwel darba

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, Tel. 21 220 212, Est. 128, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-offerenti huma avżati li jżuru l-*website* tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq http://contracts.gov.mt li tipprovdi informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni ta' l-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Il-11 ta' Ġunju, 2004

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf lill-offerenti kollha illi skond Klawsola 30 u Parti XIII tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2003, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali għar-rigward ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*polling facilities* fuq in-numru tal-*fax* 2122 6156.**

CT 129/2004. Period contract for the supply of rectangular precast hollow concrete blocks to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 27th July, 2004, for:

CT 101/2004. Design and construction of an urban waste water treatment plant at Ta' Mġarr ix-Xini, limits of Għajnsielem, Gozo, Malta - Ministry for Gozo. A fee of Lm200 (450 Euros) will be charged for each copy of tender document. E.U. Project - Ref: EuropeAid/117155/D/W/MT National Pre-Accession Programme 2003 for Malta.

CT 109/2004. Supply of blood collection and filtration systems - Department of Health.

CT 110/2004. Period contract for the supply of ready mix concrete for general and maritime use in Malta (2005) to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 5th August, 2004, for:

*CT 130/2004. Cleaning of all Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) sites presently Corradino Main Campus, Corradino; Villa Portelli, Kalkara; Tarġa Gap, Mosta; Naxxar; Msida; Sliema; Luqa and Gozo - Malta College of Arts, Science and Technology. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

*Advertisement appearing for the first time

Tender documents are obtainable on application from the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, Tel. 21 220 212, Ext. 128 or on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Tenderers are advised to visit the website of the Department of Contracts at http://contracts.gov.mt which provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

11th June, 2004

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of Clause 30 and Part XIII of the Public Contracts Regulations 2003, recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice-board every Wednesday and Friday after 12.00 noon. **Tenderers may also obtain this information by utilizing the polling facilities on fax number 2122 6156.**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġenerali (Kuntratti) skond parti XIII ta' l-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-parti tar-Regolamenti.

Il-11 ta' Ġunju, 2004

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Proġett ta' l-E.U. - *National Pre-Accession Programme 2003 for Malta*
Dan huwa *Supply Procurement Notice* taħt
INTERNATIONAL OPEN TENDER PROCEDURE

CT 100/2004. Provvista u stallazzjoni ta' tagħmir speċjalizzat għall-*border-control* lill-Forzi Armati ta' Malta. Proġett ta' l-E.U. - Europeaid/117467/D/S/MT *National Pre-Accession Programme 2003 for Malta*.

Lots:

Lot 1: Forward Looking Infra-Red (FLIR) system for installation aboard a BN-26B Islander Aircraft
Lot 2: Fast Interception Boat
Lot 3: Thermal Infra-Red Imaging Equipment
Lot 4: Equipment Cases
Lot 5: Digital Imaging Equipment
Lot 6: Portable Communications Equipment
Lot 7: Law-Enforcement Equipment
Lot 8: Supporting Office Equipment

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi hawn fuq hu sal-ĦAMIS, l-1 ta' Lulju, 2004, sa l-10.00 a.m. (Ħin ta' Malta).

Il-11 ta' Ġunju, 2004

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Proġett ta' l-E.U. - *National Pre-Accession Programme 2003 for Malta*
Dan huwa *Works Procurement Notice* taħt
INTERNATIONAL OPEN TENDER PROCEDURE

CT 101/2004. Disinjar u bini ta' impjant għat-trattament ta' l-ilma ta' l-iskart urban f'Ta' Mġarr ix-Xini, limiti ta' Għajnsielem, Għawdex, Malta - Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm200 (450Euros) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta. Proġett ta' l-E.U. - EuropeAid/117155/D/W/MT *National Pre-Accession Programme 2003 for Malta.*

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint to the Director General (Contracts) in accordance with part XIII of the said Regulations which lays down in detail the procedure to be followed in such a case. All tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

11th June, 2004

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

E.U. Project - National Pre-Accession Programme 2003 for Malta
This is a Supply Procurement Notice under the
INTERNATIONAL OPEN TENDER PROCEDURE

CT 100/2004. Supply, delivery and installation of specialist border-control equipment to the Armed Forces of Malta. E.U. Project - Ref: Europeaid/117467/D/S/MT National Pre-Accession Programme 2003 for Malta.

Lots:

Lot 1: Forward Looking Infra-Red (FLIR) system for installation aboard a BN-26B Islander Aircraft
Lot 2: Fast Interception Boat
Lot 3: Thermal Infra-Red Imaging Equipment
Lot 4: Equipment Cases
Lot 5: Digital Imaging Equipment
Lot 6: Portable Communications Equipment
Lot 7: Law-Enforcement Equipment
Lot 8: Supporting Office Equipment

The Director General (Contracts) notifies for general information that the closing date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is THURSDAY, 1st July, 2004 up to 10.00 a.m. (Malta Time).

11th June, 2004

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

E.U. Project - National Pre-Accession Programme 2003 for Malta
This is a Works Procurement Notice under the
INTERNATIONAL OPEN TENDER PROCEDURE

CT 101/2004. Design and construction of an urban waste water treatment plant at Ta' Mġarr ix-Xini, limits of Għajnsielem, Gozo, Malta - Ministry for Gozo. A fee of Lm200 (450 Euros) will be charged for each copy of tender document. E.U. Project - Ref: EuropeAid/117155/D/W/MT National Pre-Accession Programme 2003 for Malta.

Xogħlijiet Oħra Importanti ta' Infrastruttura:

• *One sewage pumping station and pressure main (45 l/s capacity)*

• *One treated effluent pumping station and pressure main (630m³/hour)*

• *Access road to sewage pumping station and sewage treatment plant*

• *Tertiary treatment facilities (6,000 m³/day capacity).*

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi hawn fuq hu sat-TLIETA, is-27 ta' Lulju, 2004, sa l-10.00 a.m. (Ħin ta' Malta).

Il-11 ta' Ġunju, 2004

Other Key Ancillary Infrastructural Works:

• One sewage pumping station and pressure main (45 l/s capacity)

• One treated effluent pumping station and pressure main (630m³/hour)

• Access road to sewage pumping station and sewage treatment plant

• Tertiary treatment facilities (6,000 m³/day capacity).

The Director General (Contracts) notifies for general information that the closing date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is TUESDAY, 27th July, 2004 up to 10.00 a.m. (Malta Time).

11th June, 2004

DIPARTIMENT TA' L-ARTIJIET

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet jgħarraf illi-

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sa l-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, is-17 ta' Ġunju, 2004.

Avviż Nru. 103. Bejgħ ta' sit f'San Pawl il-Baħar, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. 21_2002, mil-livell tat-triq fi Triq Dawret il-Gżejjer sa għoli ta' 3.83 metri. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm5,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 104. Bejgħ ta' sit li jiġi quddiem id-Dar Nru. 225A, Triq it-Torri, Tas-Sliema, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. 76_2002_A. Dan il-bejgħ hu soġġett għal servitù ta' terzi. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm3,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 105. Bejgħ ta' fond Nru. 123, Triq in-Naxxar, Ħal Lija, inkluż l-arja ta' fuqu, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. 201_2000-B. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm3,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut favur terzi.

Avviż Nru. 106. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 131, Triq San Nikola, Valletta, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. JO_7_2004. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm1,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 107. Kiri, minn sena għal sena, biex jintuża bħala ġnien, ta' sit fi Triq Psaila, Ħal Qormi, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.54_74_3. Din il-kirja hi soġġetta għal servitujiet ta' terzi.

LAND DEPARTMENT

The Commissioner of Land notifies that:–

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 17th June, 2004.

Advt. No. 103. Sale of a site in Saint Paul's Bay, shown in red on plan P.D. 21_2002, from the road level at Triq Dawret il-Gżejjer up to a height of 3.83 metres. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm5,000.00 as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 104. Sale of a site fronting House No. 225A, Triq it-Torri, Sliema, shown edged in red on plan P.D. 76_2002_A. Sale is subject to third party servitudes. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm3,000.00 as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 105. Sale of premises No. 123, Triq in-Naxxar, Lija, including overlying airspace, shown edged in red on plan P.D. 201_2000_B. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm3,000.00 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal in favour of third party.

Advt. No. 106. Sale, tale quale, of premises No. 131, Triq San Nikola, Valletta, shown edged in red on plan P.D. JO_7_2004. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm1,000.00 as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 107. Lease, on a year to year basis, for gardening purposes, of a site in Triq Psaila, Qormi, shown edged in red on plan P.D. 54_74_3. Lease is subject to third party servitudes.

Avviż Nru. 108. Kiri tal-*caravan site* Nru. AA3 fl-Għadira, limiti tal-Mellieħa, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. 51_2004.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sa l-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, l-24 ta' Ġunju, 2004.

Avviż Nru. 109. Bejgħ ta' sit fuq wara tad-dar bl-isem ta' 'Caro House', Triq Claire E. Engel, San Ġiljan, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 4 fuq pjanta P.D. 192_2001_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm1,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 110. Għotja b'ċens għal perjodu li jintemm fit-8 ta' Jannar, 2045, ta' sit maġenb Garaxx Nru. 40, Triq Ġużè Ellul Mercer, Qasam tad-Djar, l-Iklin, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 1 fuq pjanta P.D. 190_82_24.

Avviż Nru. 111. Għotja b'ċens għal perjodu li jintemm fid-19 ta' Jannar, 2044, ta' sit fuq wara ta' Garaxx Nru. 41, Triq Ġużè Ellul Mercer, Qasam tad-Djar, l-Iklin, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 2 fuq pjanta P.D. 190_82_24.

Avviż Nru. 112. Għotja b'ċens għal perjodu li jintemm fit-8 ta' Jannar, 2045, ta' sit fuq wara ta' Garaxx Nru. 42, Triq Ġużè Ellul Mercer, Qasam tad-Djar, l-Iklin, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 3 fuq pjanta P.D. 190_82_24.

Avviż Nru. 113. Għotja b'ċens għal perjodu li jintemm fid-19 ta' Jannar, 2044, ta' sit fuq wara ta' Garaxx Nru. 43, Triq Ġużè Ellul Mercer, Qasam tad-Djar, l-Iklin, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 4 fuq pjanta P.D. 190_82_24.

Avviż Nru. 114. Kiri, minn sena għal sena, ta' *Pillbox,* bl-art ta' madwarha, fil-limiti tax-Xgħajra, murija bl-aħmar fuq pjanta L.D. 183/98. Min jagħmel l-offerta jrid isemmi l-iskop tal-kirja.

